# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 47/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 29 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:15hrs.

### Preżenti:

Terence Agius ***Kunsillier***

Joseph Schembri ***Kunsillier***

Ritienne Caruana ***Kunsillier***

Cody Galea ***Kunsillier***

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

John Luke Cassar ***Kunsillier***

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

47.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier John Luke Cassar li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

47.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier Cody Galea kien ser jattendi għal-laqgħa ftit tard minħabba raġunijiet ta' xogħol, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 46

47.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 46 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mis-Sindku Terence Agius dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

47.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/07/2022 - World Clean Up The World Campaign 2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

47.3.1.1 Is-Sindku kompla jgħid li kif kien ġie diskuss u maqbul, il-Kunsill kien ser jieħu sehem f'din il-kampanja permezz ta' applikazzjoni konġunta li saret mir-Reġjun Punent f'isem erba' lokalitajiet.

47.3.1.2 L-attività tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop ser issir nhar l-Erbgħa, 14 ta' Settembru, 2022 bejn l-16:00hrs u s-19:00hrs u ser tkun qed titnaddaf l-*area* magħrufa bħala Tar-Robba. Il-Grupp Żgħażagħ Kirkop ikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'din il-kampanja.

47.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

47.3.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din l-applikazzjoni kienet tagħlaq l-għada tal-laqgħa u għaldaqstant kellha tittieħed deċiżjoni biex hija tkun tista' taħdem fuq l-applikazzjoni u ddaħħalha fil-ħin.

47.3.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qablu li ssir applikazzjoni biex issir parata tal-Milied flimkien ma Santa Klaws madwar it-toroq ta' Ħal Kirkop li tintemm b'*show* maġiku quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill.

47.3.2.3 Għaldaqstant, il-Kunsilliera Ritienne Caruana resqet mozzjoni biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

47.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-European Mobility Week 2022.

47.3.3.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma japplikawx.

47.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Skema dwar *Call for Project Proposals for Local Councils as part of the Sustainable Localities Scheme* mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża.

47.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li ssir applikazzjoni għal proġett ta' mhux aktar minn €100,000 biex tiġi rranġata s-sistema tad-dawl ta' Pjazza Żerniq u ssir sostenibbli.

47.3.4.2 Il-Kunsilliera qablu li s-Sindku jitkellem mal-Perit Bezzina biex jgħidlu l-ħsieb tal-Kunsill.

47.3.4.3 Il-Kunsilliera qablu li jekk minn naħa tal-uffiċċju tal-Perit jilħaq isir ix-xogħol relatat ma din l-applikazzjoni, din għandha tiddaħħal. Jekk sad-data tal-għeluq l-applikazzjoni ma tkunx lesta, il-Kunsill għandu jkompli bil-preparamenti biex malli jkun hemm skema oħra simili, l-Kunsill ikollu il-preparamenti tekniċi lesti u jkun jista' jdaħħal l-applikazzjoni.

47.3.5 Il-Kunsillier Cody Galea daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju. Il-ħin kien il-17:30hrs.

47.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Numru SPI/SCI/09/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom.

47.3.6.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-iskema u qablu li ssir applikazzjoni għall-ftuħ u restawr ta' *shelters* fi Triq San Benedittu u Triq il-Kbira f'Ħal Kirkop.

47.3.6.2 Il-Kunsilliera qablu li s-Sindku jitkellem mal-Perit Bezzina biex jgħidlu l-ħsieb tal-Kunsill.

47.3.6.3 Il-Kunsilliera qablu li jekk minn naħa tal-uffiċċju tal-Perit jilħaq isir ix-xogħol relatat ma din l-applikazzjoni, din għandha tiddaħħal. Jekk sad-data tal-għeluq l-applikazzjoni ma tkunx lesta, il-Kunsill għandu jkompli bil-preparamenti biex malli jkun hemm skema oħra simili, l-Kunsill ikollu il-preparamenti tekniċi lesti u jkun jista' jdaħħal l-applikazzjoni.

47.3.7 Is-Sindku ssospenda l-laqgħa tal-Kunsill minħabba li l-Kunsill kellu laqgħa mal-Onorevoli Perit Toni Bezzina u laqgħa oħra mal-għaqdiet tal-lokal. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:05hrs.

47.3.8 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:30hrs.

47.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *statement* tal-fondi tad-Development Planning Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar, liema bilanċ jammonta għal €93,237.

47.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-fond u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja jekk minn dan il-fond jistgħux isiru l-fanali stil antik fi Triq San Benedittu mill-Għassa lejn Misraħ Ħal Kirkop, Sqaq Sant Andrija, Sqaq San Ġwann, Triq il-Kbira, Triq il-Parroċċa, Triq San Leonardu, u kif ukoll il-fanali ta' Misraħ Ħal Kirkop. Ma dawn jinbidlu wkoll il-bozoz tal-fanali ta' Triq San Rokku u jsiru kollha *warm white*.

47.3.9.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jekk l-ispiża għal dawn il-fanali tista' ssir mill-fond DPF, issir applikazzjoni u ordni għal lista ta' fanali kif deċiża f'minuta 47.3.9.1, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

47.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 7/2022 – Emendi fl-Ordni dwar Stemmi tal-Kumitati Reġjonali u Emendi fir-Regolamenti dwar Proċeduri għall-Gvern Lokali mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

47.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand The Marigold Foundation rigward The Pink October Movember 2022 Campaign.

47.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li bħas-snin l-imgħoddija jixgħelu l-faċċata tal-Kunsill roża matul ix-xahar ta' Ottubru u vjola matul ix-xahar ta' Novembru.

47.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Island Insurance Brokers rigward il-polza tal-assikurazzjoni tal-Kunsill li kienet waslet biex tiġġedded f'Settembru 2022.

47.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew l-assikurazzjoni tal-Kunsill u qablu li tiġġedded bl-istess kriterji kif kienet matul is-sena l-oħra.

47.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand persuna li talbet li jerġa' jibda jintuża l-*pitch* tal-boċċi.

47.3.13.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li ssir laqgħa ma' din il-persuna biex jiġi diskuss aħjar dan is-suġġett u biex il-Kunsill jara l-idejat tiegħu.

47.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand residenta dwar Triq Nerik Xerri fejn talbet lill-Infrastracture Malta dettalji għaliex mhux se ssir it-triq

47.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva rikjesta minn Kirkop United FC biex jitħallsu għal spejjeż li għamlu mill-fond maħsub għall-għaqdiet tal-lokalità.

47.3.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan il-kont jitħallas skont l-ammont allokat għall-Kirkop United FC.

47.3.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva lura t-twissija li ingħatat lill-ġardinar mingħajr dan ma aċċetta li jiffirmaha.

47.3.16.1 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li fir-rigward tal-liċenzja jidher li hemm l-affarijiet imwaħħlin Transport Malta. Hu kompla jgħid li mill-bqija f'ċertu affarijiet jidher li pprova jirranġa iżda f'affarijiet oħrajn mhux qed jagħti każ. Hemm bżonn li jieħu xogħlu iktar bis-serjeta.

47.3.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsill li impjegat fl-Uffiċċju wkoll kellu nuqqasijiet speċjalment fir-rigward ta' puntwalita. Hu kompla jgħid li peress li kellu ħafna stanzi fejn daħal tard u l-ħin inqatgħalu mill-*vacation leave*, huwa kien ser jaqa' fuq l-*unpaid leave*.

47.3.17.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li l-impjegat jiġi infurmat li *unpaid leave* nhar ta' Tnejn mhux approvat mill-Kunsill.

47.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex issir *blue badge* mal-art quddiem id-dar ta' anzjana fi Triq San Rokku minħabba li l-karozzi qed jipparkjaw eżatt mal-bieb li din il-persuna lanqas biss tkun tista' toħroġ mid-dar.

47.3.18.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din issir immedjatament.

47.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex isiru t-tabelli no stopping / no waiting fi Triq il-Kbira bil-vleġeġ 'il fuq u 'l isfel.

47.3.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dawn it-tabelli għandhom isiru għax suppost li kienu saru meta sar il-bdil fit-*traffic management*.

47.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva suġġeriment dwar sistema ta' *one ways* fil-lokalità.

47.3.20.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u jidher li dan is-suġġeriment ma jistax jiġi implimentat minħabba diversi fatturi fuq toroq oħra.

47.3.21 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li fir-rigward tas-siġra tal-Ficus fi Triq Giovanni Cassar, din ma tistax tinqala' minn naħa tal-Ministeru tal-Ambjent għax hemm bżonn li jintużaw diversi inġenji biex jinqala' wiċċ it-triq.

47.3.21.1 Is-Sindku kompla jgħid li ser ikun qed ikellem lill-Public Works biex jara jekk jistgħux jagħmlu dan ix-xogħol minn naħa tagħhom.

47.3.22 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera ġreżenti rigward il-bankina quddiem il-klinika ta' Ħal Kirkop, liema bankina hemm bżonn li titneħħa parti minnha li qegħda ta' ostaklu.

47.3.22.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li din titneħħa mill-ħaddiema tagħna.

47.3.23 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li Kirkop United FC kienu qed jikkordinaw direttament ma' Rousset rigward turnament tal-futbol, liema turnament hekk il-ħsieb li jsir f'Awwissu tas-sena d-dieħla fl-okkażżjoni tal-festa li ssir f'Rousset, La Saint Privat.

47.3.24 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li minħabba raġunijiet ta' xogħol is-Segretarju Eżekuttiv ma kinetx ser tilħaq tieħu l-*vacation leave* kollu tas-sena 2022 u għaldaqstant talbet biex takkumula 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2022 għas-sena 2023.

47.3.23.1 Il-Kunsilliera ddiskutew it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv u qablu li dawn is-96 siegħa jiġu mġedda kif mitlub.

47.3.23.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2022 għas-sena 2023, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

47.3.25 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Community Police. Hu qal li l-ideja tal-Community Police hija tajba ħafna u jemmen li meta jibdew jaħdmu fil-lokalità ta' Ħal Kirkop dawn ser joffru servizz tajjeb lill-kommunità. Il-ħsieb huwa li dan is-servizz jibda jingħata lejn l-aħħar tal-2022, bidu tal-2023.

47.3.26 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-sessjonijiet tal-Fitness u Yoga kienu waslu biex jintemmu u kien hemm talba biex jitkomplew is-sessjonijiet tal-Yoga.

47.3.26.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jsiru għaxar sessjonijiet oħra u jibdew fil-5 ta' Ottubru, 2022. Il-Kunsilliera qablu wkoll li jekk ikun hemm konkorrenza kbira jsiru żewġ sessjonijiet fil-ġimgħa.

47.3.27 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien tkellem ma' kumpanija rigward *rodent traps* u kien ġab stima.

47.3.27.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-istima u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob stima li tinkludi wkoll il-manutenzjoni tagħhom peress li l-Kunsill ma għandux ħaddiema biex jagħmlu din il-manutenzjoni. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

47.3.28 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien talab għall-kwotazzjonijiet biex tiġi rranġata t-tromba tal-bejt. Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva biss stima waħda.

47.3.28.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-istima u qablu li minħabba l-urġenza tal-ħsarat, ix-xogħol irid isir qabel tibda x-xita u għaldaqstant din l-istima ġiet approvata.

47.3.28.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-istima għat-tiswija tat-tromba tal-bejt, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

47.3.29 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea. Il-ħin f'dan l-istadju kien l-22:35hrs.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

47.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li kienu kellmu rappreżentant mill-Klinika ta' Ħal Kirkop u dan issuġġerixxa biex issir X-Ray Machine, biex jitwalu l-ħinijiet tal-ftuħ u biex ikun hemm coverage ta' tabib kull ħin.

47.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu. Għaldaqstant ġie deċiż li tintbgħat email lill-Ministru tas-Saħħa biex tiġi diskussa din il-possibilità.

47.4.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar ix-xogħol fuq l-Arkata ta' San Ġakbu u jekk dan hux lest.

47.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li jidher li x-xogħol tar-restawr tlesta iżda kienet ser tintbgħat email lill-Perita nkarigata biex naraw jekk hux iffinalizzat.

47.4.3 Il-Kunsillier Cody Galea informa lill-Kunsill li fi Triq Salvu Sacco kien hemm ħofra li kellha bżonn tissewwa.

47.4.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din ser tiġi rranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 47.5 Rapport tal-Ilmenti

47.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 47.6 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-Sena 2022

47.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2022. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq it-Tieni Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

47.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 47.7 L-Attività Irkottafest 2022

47.7.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill kienu bdew jaħdmu fuq l-attività Irkottafest 2022.

47.7.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk kienux jaqblu li l-Kunsillier John Luke Cassar u hu jieħdu ħsieb il-pjanijiet u l-preparamenti flimkien mal-istaff tal-Kunsill.

47.7.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu li s-Sindku Terence Agius u l-Kunsillier John Luke Cassar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jieħdu ħsieb il-preparamenti tal-Irkottafest 2022.

47.7.4 Is-Sindku qal ukoll li l-Artist Clint Grech kien qed jgħin ħafna fix-xogħol ta' din l-attività bl-idejat artistiċi tiegħu u fix-xogħol manwali li tinvolvi.

47.7.5 Is-Sindku kompla jgħid li fil-laqgħa mal-għaqdiet li kienet saret aktar kmieni, dawn min naħa tagħhom qablu li jkunu parteċipi f'din l-attività.

47.7.6 Is-Sindku Terence Agius talab lil kulħadd biex jgħin kif jista' biex din is-sena l-Irkottafest terġa' tkun suċċess bħal fi snin l-imgħoddija.

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

47.8.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 129 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

47.8.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 129 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 47.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

47.9.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

47.9.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 2022 fl-16:30hrs.

47.9.3 Il-laqgħa ntemmet fil-23:15hrs.

*(iffirmati)*

| | |
|---|---|
| Terence Agius | Antonia Demicoli |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

**Data:** 23 ta' Settembru, 2022

**Mozzjoni Ref:** 250/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta’ Seduta Nru. 46.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Terence Agius

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta’ Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 251/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Ritienne Caruana | Joseph Schembri |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 252/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jekk l-ispiża għal dawn il-fanali tista' ssir mill-fond DPF, issir applikazzjoni u ordni għal lista ta' fanali kif deċiża f'minuta 47.3.9.1.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 253/22/9

**Mozzjoni:**

Biex is-Segretarju Eżekuttiv iġġedded 96 siegħa *vacation leave* mis-sena 2022 għas-sena 2023.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 254/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-istima għat-tiswija tat-tromba tal-bejt.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 255/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Terence Agius | **Sekondant**<br>Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 256/22/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tat-Tieni Kwart tas-sena 2022 jiġu approvati.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 257/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 129.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 29 ta' Awwissu, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**